

Brussell, 28 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

13790/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0115(CNS)

---

---

FISC 205  
ECOFIN 1061  
TRANS 658

## NOTA

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi għall-użu tal-infrastruttura tat-toroq, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni fuq vetturi tqal tal-merkanzija – Qbil politiku

---

## I. SFOND

1. Fil-31 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni ħarġet il-proposta tagħha għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi tqal tal-merkanzija għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi<sup>1</sup>.
2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta flimkien ma' proposta oħra biex temenda d-Direttiva 1999/62/KE fir-rigward ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti<sup>2</sup> bħala parti mill-ewwel Pakkett dwar il-Mobilità. Flimkien, dawn iż-żewġ proposti jfissru l-promozzjoni tal-applikazzjoni ta' tariffi tat-triq relatati mad-distanza koperta biex jiġu inċentivati operazzjonijiet tat-trasport bit-triq aktar nodfa u effiċjenti.
3. Il-proposta dwar il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti kellha l-għan li telimina gradwalment it-tariffi bbażati fuq il-ħin ("vinjetta") u testendi l-prinċipju tal-ipprezzar tat-toroq għal aktar vetturi, abbażi ta' metodoloġiji aktar sempliċi u aktar ekoloġiċi biex jiġu kkalkulati t-tariffi tat-triq.

---

<sup>1</sup> Dokument 10175/17.

<sup>2</sup> Dokument 9672/17.

4. L-għan tal-proposta dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi kien li toffri lill-Istati Membri aktar possibbiltajiet biex inaqqsu t-taxxi fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija billi gradwalment inaqqsu r-rati minimi tat-taxxa stabbiliti fl-Anness għad-Direttiva 1999/62/KE (id-"Direttiva dwar il-Eurovignette").
5. Għalkemm id-Direttiva dwar il-Eurovignette ġiet emendata darbtejn qabel l-2017<sup>3</sup>, id-dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi ma nbidlux mill-adozzjoni tad-Direttiva oriġinali fl-1999, u b'hekk tnaqqar il-valur tal-livelli minimi li jinsabu fl-Anness tagħha.
6. Sadanittant, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bdew jimponu tariffi fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija skont id-distanza koperta bl-introduzzjoni ta' ħlasijiet għall-użu. Madankollu, huma għadhom obbligati li jimponu tariffi fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija, li min-natura tagħhom ma jirriflettu l-ebda użu partikolari tal-infrastruttura.
7. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ħareġ l-opinjoni tiegħu rigward il-proposta dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi fil-31 ta' Jannar 2018<sup>4</sup>, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fit-2 ta' Marzu 2018<sup>5</sup> u l-Parlament Ewropew fl-4 ta' Lulju 2018<sup>6</sup>. Dawn kollha jappoġġaw l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni.

## II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

8. F'Settembru 2017, taħt il-Presidenza Estonjana tal-Kunsill, ġie deċiż li ż-żewġ proposti li jemendaw id-Direttiva dwar il-Eurovignette jiġu ttrattati bħala pakkett fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art. Għalhekk, fit-23 ta' Ottubru 2017, il-proposta dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi ġiet ippreżentata f'dak il-Grupp ta' Ħidma. Wara dan, il-ħidma fuq il-proposta twaqqfet sakemm isir progress fil-proposta dwar il-ħlasijiet għall-użu u t-tariffi tat-triq.

---

<sup>3</sup> Bid-Direttiva 2006/38/KE u d-Direttiva 2011/76/UE.

<sup>4</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni "L-Ewropa attiva: il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' mobilità bla xkiel", CDR3560/2017.

<sup>5</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, EESC-2017-2888.

<sup>6</sup> Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2018 dwar proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi tqal tal-merkanzija għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi, P8\_TA(2018)0289.

9. Sadanittant id-diskussjonijiet dwar il-proposta dwar il-ħlasijiet għall-użu u t-tariffi tat-triq tmexxiet 'l quddiem fit-trilogi. Fl-2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew (TRAN) ikkonfermaw il-qbil milħuq fit-trilogi, u fis-17 ta' Jannar 2022, il-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi. Sussegwentement, l-att ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fl-4 ta' Marzu 2022<sup>7</sup>.
10. Peress li l-proposta dwar it-tariffi tat-triq ġiet adottata u l-proposta dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija kienet għadha qed tiġi diskussa, il-Presidenza Ċeka ddeċidiet li terġa' tibda d-diskussjonijiet dwar il-proposta fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ), b'kont meħud tal-bażi legali tal-proposta (l-Artikolu 113 TFUE) u s-suġġett prinċipali tal-proposta (tassazzjoni). Il-Presidenza organizzat laqgħat tad-WPTQ dwar il-proposta fil-15 ta' Settembru u fis-7 ta' Ottubru 2022.
11. Fl-ewwel laqgħa, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha u inkwadratha fil-kuntest tal-ewwel Pakkett dwar il-Mobilità. Id-direttiva li qed tiġi diskussa hija l-unika parti li għadha ma ġietx adottata. Il-Kummissjoni spjegat li l-prevenzjoni ta' reġistrazzjoni mill-ġdid transkonfinali tal-vetturi minħabba t-taxxa hija żgurata permezz ta' strumenti fil-pakkett adottat fl-2020: id-direttiva dwar l-istazzjonar tax-xufiera<sup>8</sup>, ir-regolament dwar il-ħin ta' sewqan, il-perjodi ta' mistrieħ u t-takografu<sup>9</sup> u r-regolament dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-UE<sup>10</sup>.

---

<sup>7</sup> ĠU L 69, 4.3.2022, p. 1.

<sup>8</sup> Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012, ĠU L 249, 31.7.2020, p. 49.

<sup>9</sup> Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi, ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1.

<sup>10</sup> Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq, ĠU L 249, 31.7.2020, p. 17.

12. Fit-tieni laqgħa, il-Kummissjoni pprovdiet ċifri aġġornati dwar is-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u spjegazzjonijiet tal-miżuri li tteħdu biex jiġu eliminati prattiki kummerċjali illeċiti billi jiġi żgurat li l-operaturi tat-trasport ikunu ġenwinament stabbiliti fl-Istat Membru fejn iwettqu l-qalba tal-attivitajiet tagħhom. Iċ-ċifri ppreżentati juru li t-tnaqqis tar-rati minimi għat-tassazzjoni tal-vetturi tqal tal-merkanzija jkollu impatt minimu ħafna fuq l-inċentivi għall-kumpaniji tat-trasport tal-merkanzija bit-trakkijiet biex jirrilokaw, u dan jista' jaffettwa l-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri.
13. Barra minn hekk, il-Presidenza Ċeka ppreżentat test ta' kompromess li l-karatteristiċi ewlenin tiegħu kienu jikkonsistu fil-possibbiltà li r-rati minimi jitbaxxew għal zero mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (biex twarrab it-tnaqqis gradwali propost mill-Kummissjoni) u premissa li tassigura lill-Istati Membri li t-tnaqqis tar-rati minimi ħalla lill-Istati Membri diskrezzjoni wiesgħa biex iżommu r-rati eżistenti tagħhom ta' tassazzjoni fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija.
14. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri laqgħu u appoġġaw it-test ta' kompromess tal-Presidenza u l-enfasi tiegħu li tiġi żgurata kemm jista' jkun flessibbiltà. Xi Stati Membri qajmu tħassib dwar il-bidu tal-applikazzjoni tad-Direttiva u l-allinjament tagħha mat-Trattat Eurovignette, dwar il-ħtieġa li jinżamm l-Anness I jekk ir-rati jitnaqqsu għal zero, u dwar impatt baġitarju possibbli bħala riżultat ta' pressjoni biex jitbaxxew ir-rati nazzjonali meta Stati Membri oħra baxxew tagħhom.
15. Konsegwentement, fil-laqgħa tal-Grupp ta' Hídma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli), il-Presidenza ressqet test ta' kompromess rivedut bl-għan li jiġi akkomodat it-tħassib imqajjem mid-delegazzjonijiet. B'mod partikolari, id-dħul fis-seħħ ġie pospost u ddaħħlet klawżola ta' rieżami. Minkejja l-appoġġ wiesa' espress fil-laqgħa għal dan it-test, xi delegazzjonijiet kienu għadhom mhumiex f'pożizzjoni li jneħħu r-riżervi tagħhom.
16. Bi tweġiba għat-tħassib imqajjem, il-Presidenza ddeċidiet li temenda d-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva billi tipposponiha sal-1 ta' Jannar 2026 fit-test fl-Anness għal din in-nota.

### III. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

17. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden:

- jilħaq ftehim dwar it-test fl-Anness għal din in-nota;
  - jissuġġerixxi lill-Kunsill jilħaq qbil politiku dwar l-abbozz ta' Direttiva abbażi tat-test ta' kompromess tal-Presidenza fl-Anness għal din in-nota.
-

2017/0115 (CNS)

Abbozz ta'

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>11</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>12</sup>,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Fil-White Paper tagħha tat-28 ta' Marzu 2011<sup>13</sup> il-Kummissjoni stabbiliet mira biex tqarreb aktar lejn l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u "l-utent iħallas", biex jiġi ġġenerat dħul u biex jiġi żgurat il-finanzjament għal investimenti futuri fit-trasport.
- (2) Min-natura tagħhom, it-taxxi annwali fuq vetturi tqal tal-merkanzija huma hłasijiet unilaterali marbuta mal-fatt li l-vettura tkun irreġistrata f'isem il-kontribwent matul perjodu partikolari u, bħala tali ma jirriflettux xi użu partikolari ta' infrastruttura. Għal raġunijiet simili, it-taxxi fuq vetturi tqal tal-merkanzija mhumiex effettivi bħala inċentiv għal operazzjonijiet aktar nodfa u aktar effiċjenti, jew għat-tnaqqis tal-konġestjoni.

---

<sup>11</sup> ĠU C , , p. .

<sup>12</sup> ĠU C , , p. .

<sup>13</sup> Il-White Paper tat-28 ta' Marzu 2011 "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (KUMM(2011) 144 finali).

- (3) Billi huma marbuta direttament mal-użu tat-toroq, il-ħlasijiet huma aktar xierqa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, u dan b'mod konsiderevoli. Skont l-Artikolu 7k tad-Direttiva 1999/62/KE, l-Istati Membri li jintroduċu ħlasijiet għall-użu tat-triq li jistgħu jipprovdu kumpens xieraq lill-operaturi nazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.
- (4) L-applikazzjoni ta' taxxi fuq vetturi tqal tal-merkanzija tirrappreżenta spiża li sa issa l-industrija ser ikollha ġġarrab fi kwalunkwe każ, anki jekk l-Istati Membri jimponu ħlasijiet. Għalhekk, it-taxxi fuq vetturi tqal tal-merkanzija jistgħu jaġixxu bħala ostaklu għall-introduzzjoni ta' ħlasijiet.
- (5) Konsegwentement, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw aktar lok biex inaqqsu t-taxxi fuq vetturi tqal tal-merkanzija, jiġifieri permezz ta' tnaqqis tar-rati minimi kollha tat-taxxa stipulati fid-Direttiva 1999/62/KE għal EUR 0. Mingħajr preġudizzju għal din il-possibbiltà, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu fis-seħħ it-taxxi attwali fuq il-vetturi imposti fuq vetturi tqal tal-merkanzija, jissostitwixxu tali taxxi b'taxxa oħra tal-istess tip jew ineħħu tali taxxi u sussegwentement jintroduċuhom mill-ġdid.
- (6) It-tnaqqis tar-rati minimi tat-taxxa kollha stipulati fid-Direttiva 1999/62/KE għal EUR 0 ma jaffettwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jżommu r-rati mnaqqsqa jew l-eżenzjonijiet mogħtija qabel l-adozzjoni ta' din id-Direttiva lil kwalunkwe vettura tqila tal-merkanzija.
- (7) Fid-dawl tal-importanza li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta t-tnaqqis tar-rati minimi tat-taxxa kollha stipulati fid-Direttiva 1999/62/KE sal-1 ta' Jannar 2030.
- (8) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 1999/62/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

#### *Artikolu 1*

Id-Direttiva 1999/62/KE hija emendata kif ġej:

- (1) it-titolu tal-Kapitolu II huwa sostitwit b'dan li ġej:  
"Tassazzjoni fuq vetturi tqal tal-merkanzija";

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) [...] Il-paragrafu 1 **huwa emendat kif ġej:**

(i)[...] il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. "It-taxxi fuq il-vetturi imposti fuq vetturi tqal tal-merkanzija msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 huma kif ġej";

**(ii) l-inċiż għall-Kroazja huwa sostitwit b'dan li ġej:**

**"— Il-Kroazja:**

**godišnja naknada za uporabu javnih cesta koja se plaća pri registraciji motornih i priključnih vozila, posebna naknada za okoliš na vozila na motorni pogon,";**

**iii) l-inċiż għall-Slovakkja huwa sostitwit b'dan li ġej:**

**"— Is-Slovakkja:**

**cestná daň, daň z motorových vozidiel,";**

**iv) l-inċiż għar-Renju Unit huwa mħassar;**

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri li jissostitwixxu kwalunkwe taxxa elenkata fil-paragrafu 1 b'taxxa oħra tal-istess tip jew li jabolixxu taxxa elenkata fil-paragrafu 1 u sussegwentement jintroduċu taxxa tal-istess tip għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, li għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex taġġorna l-Artikolu 3(1).";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Tkun xi tkun l-istruttura tat-taxxi li hemm referenza għaliha hawn fuq, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw ir-rati għal dik it-taxxa għal kull kategorija jew sottokategorija ta' vettura li hemm referenza għaliha fl-Anness I f'konformità mal-minimu stipulat f'dak l-Anness";

(3) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

1. Sal-1 ta' Jannar 2030, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni u l-impatt tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mat-tassazzjoni fuq vetturi tqal tal-merkanzija. Dik il-valutazzjoni għandha tiffoka fuq l-analiżi tal-impatt ta' dawk id-dispożizzjonijiet fuq il-funzjonament tas-suq intern.

2. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni, fejn ikun xieraq, għandha tissottometti proposta leġiżlattiva, biex temenda d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva skont dan." [...]

(4) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 9, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) kwalunkwe vettura koperta mill-kondizzjonijiet ta' hawn taħt:

(i) tintuża għal skopijiet ta' difiża nazzjonali jew ċivili, minn servizzi tan-nar jew ta' emerġenza oħrajn u mill-pulizija, jew tintuża għall-manutenzjoni tat-toroq, jew;

(ii) tivvjaġġa b'mod okkażjonali biss fuq it-toroq pubbliċi tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni u tintuża minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-okkupazzjoni prinċipali tagħhom mhix it-trasport ta' merkanzija, sakemm l-operazzjonijiet ta' trasport imwettqa minn din il-vettura ma jikkawżawx distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, u soġġett għall-qbil tal-Kummissjoni, u;

(iii) tintuża jew tkun proprjetà ta' persuni b'diżabilità; u";

(5) L-Anness I għad-Direttiva 1999/62/KE huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness għal din id-Direttiva.

## *Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal- [...] **31 ta' Diċembru 2025**. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.
3. L-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva mill- [...] **1 ta' Jannar 2026**.

## *Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## *Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX

### "ANNEX I

#### RATI MINIMI TA' TAXXA LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI GĦAL VETTURI TQAL TAL-MERKANZIJA

Vetturi bil-mutur			
Numru ta' fusien u t-toqol gross mgħobbi massimu permissibbli (f'tunnellati)		Rata minima ta' taxxa (f'euro/sena)	
Mhux inqas minn	Inqas minn	Fus/fusien tas-sewqan b'sospensjoni tal-arja jew ekwivalenti rikonoxxut(i) <sup>14</sup>	Sistemi ta' sospensjoni oħrajn tal-fus/fusien tas-sewqan
Żewġ Fusien			
12	13	0	0
13	14	0	0
14	15	0	0
15	18	0	0
Tliet Fusien			
15	17	0	0
17	19	0	0
19	21	0	0
21	23	0	0
23	25	0	0
25	26	0	0

<sup>14</sup> Sospensjoni rikonoxxuta bħala ekwivalenti b'mod konformi mad-definizzjoni fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistipula fir-rigward ta' ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fi traffiku nazzjonali u internazzjonali u t-toqol massimu awtorizzati fi traffiku internazzjonali (ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 59).

Erba' Fusien			
23	25	0	0
25	27	0	0
27	29	0	0
29	31	0	0
31	32	0	0

KOMBINAZZJONIJIET TA' VETTURI (VETTURI ARTIKOLATI U FERROVIJI TAT-TRIQ)			
Numru ta' fusien u t-toqol gross mgħobbi massimu permissibbli (f'tunnellati)		Rata minima ta' taxxa (f'euro/sena)	
Mhux inqas minn	Inqas minn	Fus/fusien tas-sewqan b'sospensjoni ta' l-arja jew ekwivalenti rikonoxxut(i) <sup>15</sup>	Sistemi ta' sospensjoni oħrajn tal-fus/fusien tas-sewqan

<sup>15</sup>Sospensjoni rikonoxxuta bħala ekwivalenti b'mod konformi mad-definizzjoni fl-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistipula fir-rigward ta' ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fi traffiku nazzjonali u internazzjonali u t-toqol massimu awtorizzat fi traffiku internazzjonali (ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 59).

fusien 2 + 1			
12	14	0	0
14	16	0	0
16	18	0	0
18	20	0	0
20	22	0	0
22	23	0	0
23	25	0	0
25	28	0	0
fusien 2 + 2			
23	25	0	0
25	26	0	0
26	28	0	0
28	29	0	0
29	31	0	0
31	33	0	0
33	36	0	0
36	38	0	0

fusien 2 + 3			
36	38	0	0
38	40	0	0
fusien 3 + 2			
36	38	0	0
38	40	0	0
40	44	0	0
fusien 3 + 3			
36	38	0	0
38	40	0	0
40	44	0	0

"